

Brussell, 6 ta' Frar 2026
(OR. en)

5937/26

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0352 (NLE)
2025/0353 (NLE)

ESPACE 19
EEE 9
RECH 39
COMPET 140
IND 91
EU-GNSS 9
TRANS 44
AVIATION 15
MAR 14
TELECOM 45
MI 94
CSC 85
CSCGNSS 9
CSDP/PSDC 71
AELE 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<p>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura</p> <p>- Adozzjoni</p> <p>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura</p> <p>- Qbil fil-prinċipju</p> <p>- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew</p>

1. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju tan-Norveġja għal ftehim li jstabbilixxi r-regoli għall-parteciċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għal servizzi governattivi.¹
2. Wara l-konklużjonijiet tan-negozjati mar-Renju tan-Norveġja, fis-17 ta' Novembru 2025 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, min-naħa l-oħra, li jstabbilixxi r-regoli għall-parteciċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura², kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim, flimkien mat-test tal-Ftehim bħala addendum tal-proposta.³
3. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju tas-16 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha, u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju eżaminahom. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-EFTA ġie infurmat. Id-delegazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju qablu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, kif ukoll it-test tal-ftehim, wara konsultazzjoni bil-miktub li ġiet konkluża fit-22 ta' Diċembru 2025.
4. Il-ġuristi lingwisti vverifikaw u ffinalizzaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim u l-Ftehim innifsu fid-dokumenti 5369/26, 5367/26 u 5371/26 rispettivament.

¹ ĠU L, 2024/3226, 30.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3226/oj>.

² 15535/25 + ADD1.

³ 15539/25 + ADD1.

5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirakkomanda li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar kif tinsab fid-dokument 5369/26 u jiddeċiedi li jinforma lill-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE;
 - jipprovdi qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 5367/26 u jiddeċiedi li jippreżentah lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni, flimkien mat-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 5371/26, wara li jiġi ffirmat il-Ftehim.
-